# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2022**

**Rikors Numru 101/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Western Company Limited**
**(C 19994)**

**Vs**

**Spiridione Muscat**
**(ID 91854M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 8 ta' Frar 2022, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

   1. *Illi l-intimat huwa debitur versu s-soċjeta' attriċi fis-somma ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, mitejn u wieħed u disgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€127,291.51) import* ta' 47 kambjala ta' *elfejn, seba' mija u tmien Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2,708.33)* il-*waħda maħruġa iżda mhux onorata, u dan oltre l-imgħax kummerċjali fuq kull kambjala. Kopja tal-kambjali qed jiġu eżebiti flimkien bħala Dok A.*

   2. *Illi s-soċjeta' esponenti kienet ipproċediet kontra* l-konvenut *permezz ta' ittra uffiċjali a tenur ta' l-artikolu 253 tal-Kap. 12 u dan f'Lulju 2020 biex jiġu reżi eżekuttivi 72 kambjala. Din l-ittra ġiet ikkontestata permezz ta' rikors da parti tal-konvenut. Permezz ta' digriet datat 1 ta' Settembru 2020 kopja ta' liema qed jiġi anness u mmarkat Dok B din il-Qorti ċaħdet ir-rikors* tal-konvenut *rigwardanti l-kambjali 60 sa 72*

*u allura dawn jikkostitwixxu titolu eżekuttiv pero dderiġiet lis-soċjeta' esponenti tipproċedi b'kawża għall-kambjali 1 sa' 59. Il-mertu ta' din il-kawża huwa l-aħħar 47 minn dawn il-59 kambjali.*

3. *Illi dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut.*

4. *Illi sa fejn taf is-soċjeta' attriċi, il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet validi x'jagħti in kontro-trattazzjoni għat-talbiet tal-attur u għalhekk jeżistu ċ-ċirkostanzi kontemplati fl-artikolu 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*i) Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ u dan a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*ii) Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tar-rikorrent fl-ammont ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, mitejn u wieħed u disgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€127,291.51) import ta' 47 kambjala ta' elfejn, seba' mija u tmien Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2,708.33) il-waħda maħruġa iżda mhux onorata.*

*iii) Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, mitejn u wieħed u disgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€127,291.51).*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment u l-imgħax kummerċjali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal- pagament effettiv u l-konvenut inġunt in subizzjoni.*

2. Rat illi fil-21 ta' Frar 2022, il-Qorti appuntat il-każ ghas-smigħ ghad-29 ta' Marzu 2022 u ordnat lill-intimat jidher sabiex jirrispondi għal dak mitlub.

3. Rat illi fil-31 ta' Mejju 2022, l-intimat Spiridione Muscat ġie notifikat ġewwa l-bini tal-Qorti, kif attestat mir-referta datata 31 ta' Mejju 2020 maħruġa mill-Marixxal Carmel Gauci.

4. Rat illi fit-28 ta' Settembru 2022, meta ssejħet il-kawża, l-intimat ma deherx sabiex jirrispondi għal dak mitlub fil-konfront tiegħu.

5. Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2022, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipproċedi illi tiddeċiedi t-talba kif dedotta bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12.

6. Rat illi l-kontenut tar-rikors kien ġie ġuramentat u kkonfermat mir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, Carmelo sive Charles Bianco, fis-7 ta' Frar 2022.

7. Rat ukoll illi l-istess Carmel sive Charles Bianco ippreżenta affidavit fis-7 ta' Frar 2022 fejn ikkonferma illi l-ammont ta' €127,291.51 huwa dovut.

8. Rat illi, fl-assenza ta' kontestazzjoni da' parte ta' l-intimat, il-Qorti ma għandha ebda opzjoni oħra għajr illi tilqa' t-talba kif dedotta.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u rat illi l-intimat, debitament notifikat fil-31 ta' Mejju 2022, naqas milli jidher il-Qorti sabiex jirrispondi għal dak mitlub;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talbiet kollha kif dedotti, u għalhekk:

**Tiddikjara** li l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, mitejn u wieħed u disgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€127,291.51) import ta' 47 kambjala ta' elfejn, seba' mija u tmien Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2,708.33) il-waħda maħruġa iżda mhux onorata.

**Tikkundanna** lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' **mija u sebgħa u għoxrin elf, mitejn u wieħed u disgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€127,291.51)**.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-konvenut.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**